# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 493/2015**

Il-Pulizija

vs

**Antoine Galea**

Iben Carmel, imwieled Pieta', fit-22 ta' Dicembru, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 32278(M)

Illum, 27 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Antoine Galea quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-22 ta' Jannar 2012, ghal habta tas-7:15 ta' wara nofinshar, minn gewwa r-residenza numru 42, Triq il-Palma, Rahal il-Gdid, flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' oggetti u flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur liema valur ta' haga misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda jeccedi l-elfejn tliet mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Stella Vella, mara anzjana ta' 82 sena minn Rahal il-Gdid;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Stella Vella, anzjana ta’ 82 sena, kotnra l-volonta` taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha u mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta’ hwejjigha;

Talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati t-28 ta’ Mejju, 2011 u it-22 ta’ Gunju, 2011;

Talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-24 ta’ Ottubru, 2011;

Talli kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta` provizorja mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit nhar it-3 ta’ Awwissu, 2010, f’dan li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta’ €10,000 u depositu ta’ €1,000, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli huwa sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Ottubru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 86, 87(c)(e), 261 (a)(b)(c)(e)(f), 262 (1)(a), 263(a), 267, 269(g), 270, 274(d), 275, 276, 276A, 278, 279(b), 280 (2)(3), 281(b), 289, 579 (1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijeit ta’ Malta, sabet lill-imputat Antoine Galea hati tal-akuzzi kollha kif dedotti kontrih u kkundannatu ghal tliet (3) snin prigunerija ghall-ewwel (1), it-tieni (2), il-hames(5) u s-sitt (6) akkuza u ghat-tielet (3) akkuza tikkundannah ghal tliet (3) xhur prigunerija u ghar-raba’ (4) akkuza kkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A huma sospizi ghal erba’ (4) snin.

Il-Qorti ordnat wkoll il-konfiska tal-ammont depozitat ta’ elf Euro (EUR1,000) permezz ta’ digriet moghti minn din il-Qorti fil-hrug tal-liberta’ provizorja datat tlieta (3) ta’ Awwissu 2010 kif ukoll ir-revoka tal-istess digriet.

Inoltre u ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti ordnat il-hlas tal-ispejjez peritali naxxenti mill-atti tal-inkjesta tal-Magistrat Miriam Hayman tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Marzu 2012 li jammontaw ghal hames mija u sitt u ghoxrin Euro u sitta u hamsin centesimu (€526.56) Fin-nuqqas ta’ hlas relattiv fiz-zmien stipulat hawn fuq, dan ghandu jigi kkonvertit f’habs skont il-ligi.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appellant Antoine Galea ipprezentat fit-2 ta’ Novembru, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tanulla s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellant minn kull htija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

In-nullita tas-sentenza appellata. Illi bid-dovut rispett t-appellant jikkontendi li meta giet biex teroga l-piena nflitta l-Ewwel Qorti kienet skorretta 'n kwantu kellha bil-konkors tar-reati li bihom kien akkuzat l-appellant taghti piena wahda komplessiva u mhux tispezzetta l-piena, kif ghamlet. Illi di piu', anqas ma' setghet l-Ewwel Qorti teroga piena ta' habs sospiz, meta l-habs effettiv inflitt ikun oltre l-perjodu ta' sentejn kif irrizulta fil-kaz in ezami meta l-appellant gie kkundannat tlett [3] snin prigunerja ta' numru ta' akkuzi. Illi ghalhekk bid-dovut rispett l-appellant jikkontendi li s-sentenza ghandha tigi dikjarata nulla, u l-atti jergghu jigu rimandati quddiem l-Ewwel Qorti, diversament preseduta.

Illi bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, fuq l-livell akkademiku l-esponenti anqas ma' jikkondividi u jaqbel mat-tezi tal-Ewwel Qorti li permezz taghha l-esponenti instab hati. Illi l-fatt li fuq berita nstab il-profil genetiku tal-appellant, bhala prova wehidha biss, prova cirkostanzjali

wahda kif kellna f'dan il-kaz, l-appellant jikkontendi li l-Qorti kienet sa certu punt 'avventuruza' wisq kontra tieghu fil-hsibijiet taghha. Illi filwaqt li huwa minnu dak kunsidrat minn l-Ewwel Qorti li jekk moralment konvinta, l-Qorti ghandha ssib htija, pero' wiehed irid izomm f'mohhu li fil-kamp penali hemm pilastru iehor li jrid jibqa miftakar meta wiehed jiddecidi, u cioe' li l-pulizija trid tipprova sal-grad ta' lil' hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk ikun skorrett skont l-umli fehma tal-appellant li persuna tigi misjuba hatja sempliciment ghaliex kontra taghha jkun hemm prova cirkostanzjali wahda biss. Illi dan jinghad fid-dawl ukoll tal-fatt li l-Ewwel Qorti sahhet it-tezi taghha b'konsiderazjoni zbaliata ghall-ahhar b'dak li qalet fit-tielet [3] paragrafu ta' pagna ghaxra [10] tas-sentenza dwar id-dritt tas-silenzju u l-ghazla tal-appellant li ma' jiddeponix f'dawna l-proceduri. Illi l-gurisprudenza li s'issa ghandna tiggustifika kumment u konsiderazjoni bhal dik f'kaz ta' impronti digitali ta' suspettat misjuba fuq ix-xena tad-delitt.

Illi f'dan il-kaz ma' nstabu ebda impronti digitali u l-argument tal-ispostar tal-oneru tal-prova la ghandu u s'issa qatt ma' gie spustat anke f'materji ta' sejbien ta' DNA profiling kif donnu li ghamlet l-Ewwel Qorti f'dan il-kaz, Illi ghalhekk ukoll l-esponenti jirritjeni li huwa kellu jigi lliberat minn l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi rat l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant fejn hu qed jilmena li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hi nulla.

Illi hu car li f'kazijiet bhal dawn l-piena erogata ghar-reati kollha li jigu mwettaq allegatament mill-akkuzat ghandu tkun piena wahda.

Illi din il-Qorti ma ghandha xejn xi tghid ulterjorment fuq dan il-kaz u l-ewwel aggravju ta' l-appellant ghandu jirnexxi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-appell ta' Antooine Galea dwar l-ewwel aggravju. Tiddikjara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u bla effetta. F'dawn ic-cirkostanzi biex ma tipprivax l-appellant tal-beneficcju tad-'doppio ezame' tibghat dan il-process lura lill-ewwel Qorti sabiex din tiddecidi l-kaz skont il-ligi. Tordna li l-akkuzat jibqa' jinzamm fl-istess pozizzjoni qabel ma nghatat l-ewwel sentenza.